# Kont Taf Biha Din? – 1

**minn Fr. Francis Żammit sdb**



**Minn din il-ħarġa ta' Ħajja Salesjana ser nibdew inġibu siltiet mir-riċerki li għamel Dun Żammit dwar l-istorja Salesjana tal-Viċi Provinċja tagħna ddedikatha lil Ommna Marija l-Għajnuna tal-Insara. L-għan ta' dawn l-artikli, misluta mill-arkivji tal-passat, hu biex insiru dejjem aktar midħla tal-ġrajjiet li sawru dak li aħna llum bħala Salesjani Maltin u Għawdxin.**

Mikielanġ Marija Mizzi hu l-ewwel persuna li nafu biha s' issa, li kien iltaqa' personalment u għal diversi drabi ma' Dun Bosco nnifsu ġewwa Turin. Saħansitra tkellem u kiel miegħu wkoll. Is-Sur Mizzi twieled fl-1849 fil-belt Valletta u kien jiġi mill-qrib minn Fortunatu Mizzi, iben Francesco Mizzi u Marianna nee' Galea li kienet oħt Pietru Pawl Galea, missier is-Sur Fons Maria Galea.

Jum minnhom Mikielanġ Maria Mizzi kiteb hekk lil Dun Bosco, *"M' għandix il-pjaċir li jkolli x'naqsam miegħek dwar xi biċċa xogħol. Nista' imma niftaħar li bistlek idejk għal diversi drabi, l-aktar dan l-aħħar f' Ġunju tal-1880, jekk qiegħed niftakar tajjeb, meta jien ġejt infittxek dak inhar li l-mibki Mons. D. Camboni mexxa l-fesat solenni fl-Oratorju tiegħek."*

Ta' min ngħidu li l-festa solenni li mexxa Mons. Camboni fil-fatt kienet qabel il-bidu ta' Ġunju u din kienet propju l-festa ta' Marija Għajnuna tal-Insara li Dun Bosco kien jiċċelebra b' mod tassew solenni kull 24 ta' Mejju. F' din il-festa solenni, Dun Bosco kien stieden lis-Sur Mizzi sabiex jingħaqad jiekol miegħu f' Valdocco. Dan Mizzi kien senatur Malti magħruf ħafna fl-Ewropa. Għalkemm għamel żmien jgħix fil-gżira ta' Għawdex, għal perjodu twil kien joqgħod f' Ruma. Il-Papa Piju IX kien bagħtu l-Liberja fl-Afrika sabiex jagħmel 'assessment' dwar kif kienet sejra l-Knisja f' dak il-pajjiż. Waqt li kien hemm, Mizzi ukoll ħadem sabiex tinfetaħ l-ewwel dar Salesjana f' dan il-pajjiż Afrikan.

Dan hu dak li nafu sa issa dwar dan il-persunaġġ. Jalla nsiru nafu iktar dwaru, hu li kellu x-xorti jkun jaf lil Dun Bosco b'mod personali ferm qabel ma ntbagħtu s-Salesjani hawn f' Malta fl-1903.

